IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.9.2015
COM(2015) 422 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet taż-żejt u l-gass offshore skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2013/30/UE

{SWD(2015) 167 final}

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali dwar kif tiġi indirizzata fl-UE r-responsabbiltà għal danni minn inċidenti offshore fl-ipprospettar, fl-esplorazzjoni u fil-produzzjoni taż-żejt u tal-gass. Fil-fatt, dan janalizza kif l-Ewropa tittratta għadd ta' dilemmi soċjetali li jirriżultaw fir-rigward tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore: qabelxejn, min hu responsabbli għal liema tip ta' ħsara u telf u lil min; imbagħad, kif jiġi żgurat li l-partijiet responsabbli jkollhom kapaċità finanzjarja biżżejjed biex joffru l-kumpens leġittimu għall-ħsara u t-telf li huma responsabbli għalihom; kif ukoll, il-mod li bih għandu jitħallas il-kumpens biex dan jasal malajr għand il-pretendenti leġittimi u biex ir-riskji ta' impatti kumulattivi għall-ekonomija usa' jkunu minimizzati.

Mill-1988 'l hawn, ma kienx hemm inċidenti kbar offshore fl-UE u 73 % tal-produzzjoni taż-żejt u tal-gass fl-UE tiġi mill-Istati Membri tal-Baħar tat-Tramuntana li diġà huma rikonoxxuti li għandhom reġimi tas-sikurezza offshore bl-aħjar prestazzjoni fid-dinja. Minkejja dan, l-UE daħħlet fis-seħħ qafas regolatorju komuni għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore wara d-diżastru tad-Deepwater Horizon fil-Golf tal-Messiku f'April 2010, biex tkompli żżid l-istandards tas-sikurezza u tal-protezzjoni ambjentali tal-operazzjonijiet offshore kollha tal-UE u biex tagħmilhom konsistenti. Id-Direttiva 2013/30/UE[1] (minn issa 'l quddiem id-Direttiva dwar is-sikurezza offshore jew l-OSD) tiddefinixxi l-elementi ta' dan it-tip ta' qafas komprensiv fl-UE kollha biex jiġu evitati inċidenti kbar u jiġu ristretti l-konsegwenzi tagħhom. Ir-ratifika tal-Protokoll Offshore tal-Konvenzjoni ta' Barċellona mill-Kunsill[2] kienet ukoll parti mir-rispons tal-UE għad-diżastru Deepwater Horizon.

L-OSD toħloq reġim regolatorju armonizzat madwar l-UE li jistabbilixxi qafas regolatorju bbażat fuq l-istabbiliment tal-miri mibnija madwar il-kunċett ta' "każ ta' sikurezza" (Rapport dwar Perikli Kbar) u li jkun infurzat minn regolaturi offshore li l-OSD għandha l-għan li tiżgura l-kompetenza u l-indipendenza tagħhom; trawwem ukoll kooperazzjoni effettiva bejn ir-regolaturi. Barra minn hekk, l-OSD tintroduċi rekwiżiti fl-UE kollha dwar it-trasparenza, inkluż l-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti u inċidenti li ġew evitati bi ftit, kif ukoll fuq indikaturi oħra tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-industrija u tar-regolaturi fis-settur.

F'dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltà għal inċidenti offshore u l-konsegwenzi tagħhom, bla dubju l-OSD tattribwixxiha lid-detenturi ta' liċenzji offshore, jiġifieri detenturi individwali jew konġunti ta' awtorizzazzjonijiet għall-operazzjonijiet tal-ipprospettar, tal-esplorazzjoni u/jew tal-produzzjoni taż-żejt/tal-gass, maħruġa skont id-Direttiva 94/22/KE[3]. Hija żżomm ukoll lid-detenturi tal-liċenzja responsabbli għalkollox għal kwalunkwe ħsara ambjentali li tirriżulta mill-operazzjonijiet tagħhom. Madankollu, l-OSD m'għandhiex l-għan li tarmonizza r-regoli dwar ir-responsabbiltà fl-UE għal forom oħra ta' ħsara u telf li jistgħu jirriżultaw minn operazzjonijiet offshore, u dan jirrifletti r-

[1] Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE, ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu (2013/5/UE). Ara wkoll Milieu (2013) Safety of offshore exploration and exploitation activities in the Mediterranean: creating synergies between the forthcoming EU Regulation and the Protocol to the Barcelona Convention.

[3] Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, ĠU L 164 tad-30.06.1994, p. 3.

riżultati inkonklużivi tal-analiżi korrispondenti fil-valutazzjoni tal-impatt[4] matul l-istadji preparatorji tal-OSD.

Dan ir-rapport għandu l-għan li jissodisfa l-obbligi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 39 tal-OSD, li jeħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti rapporti dwar dan li ġej:

- Valutazzjoni tal-effettività tar-regimi tar-responsabbiltà fl-Unjoni fir-rigward tal-ħsarat ikkawżati minn operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore, inkluża valutazzjoni dwar l-adegwatezza tat-twessigħ tad-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà;
- Eżami tal-adegwatezza li tpoġġi ċertu kondotta li twassal għal aċċident kbir fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/99/KE[5] (id-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali
- Deskrizzjoni dwar id-disponibbiltà ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja għall-operazzjonijiet offshore; kif ukoll
- Deskrizzjoni dwar il-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens f'każ ta' inċidenti offshore.

Dawn it-temi huma relatati mill-qrib ħafna u li jiġu ttrattati flimkien f'rapport wieħed jiffaċilita l-analiżi koerenti tagħhom. Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD (2015) 167 finali[6] li jakkumpanja, minn issa 'l quddiem l-SWD dwar ir-Responsabbiltà jipprovdi dettalji addizzjonali dwar il-kwistjonijiet indirizzati, kif ukoll dwar l-analiżi magħmula internament mill-Kummissjoni u minn esperti esterni u partijiet ikkonċernati fit-tħejjija ta' dan ir-rapport.

Dan ir-rapport u l-SWD dwar r-Responsabbiltà jiffokaw fuq il-pajjiżi membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) b'attivitajiet taż-żejt u l-gass offshore. Dawn "l-Istati fokali" jinkludu (f'ordni alfabetika) il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja u r-Renju Unit. L-operazzjonijiet barra miż-ŻEE mhumiex il-fokus primarju.

IR-RESPONSABBILTÀ AMBJENTALI, ĊIVILI U KRIMINALI U L-INTERKONNETTIVITÀ TAGĦHOM

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' responsabbiltà. Qabelxejn, hemm ir-responsabbiltà ċivili għall-ħsara kkawżata lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi. It-tipi ta' ħsara u telf f'din il-kategorija wiesgħa jinkludu ħsara fuq il-persuna, ħsara lill-proprjetà u telf ekonomiku. Din il-ħsara hija magħrufa b'mod komuni bħala ħsara minn parti terza jew "ħsara tradizzjonali" fl-*acquis* tal-UE. Fil-każ partikolari ta' telf ekonomiku, xi sistemi legali jistgħu jagħmlu distinzjoni ulterjuri bejn telf ekonomiku *konsegwenzjali*, li huwa telf ekonomiku minħabba ħsara fuq il-persuna jew ħsara lill-proprjetà, u telf *purament* ekonomiku, li huwa telf ekonomiku fin-nuqqas ta' ħsara fuq il-persuna jew ħsara lill-proprjetà.

[4] Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument "Proposal for a regulation of the European Parliament and of the Council on safety of offshore oil and gas prospection, exploration and production activities", SEC(2011) 1293 final.

[5] Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 328, 19.11.2008, p. 28.

[6] Dokument ta' Ħidma tas-Servizzi tal-Kummissjoni: Civil Liability, Compensation and Financial Security for Offshore Accidents in the European Economic Area, SWD(2015) 167 final.

Imbagħad, hemm ir-responsabbiltà ambjentali skont it-tifsira tad-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà Ambjentali[7] (ELD), li tirreferi għal responsabbiltà għal ħsara ekoloġika lil speċijiet u ħabitati naturali protetti, ħsara lill-ilma u ħsara lill-ħamrija. Hawnhekk, ir-responsabbiltà ambjentali hija bbażata fuq approċċ pubbliku, fejn il-parti milquta mhijiex persuna fiżika jew ġuridika tanġibbli iżda s-soċjetà kollha kemm hi minħabba l-karattru pubbliku u universali tal-effetti ta' kwalunkwe ħsara lir-riżorsi naturali kondiviżi. Ir-rwol tal-pretendent jitwettaq mill-awtoritajiet pubbliċi, li x-xogħolhom hu li jiżguraw li min iniġġes jirrimedja għall-ħsara ekoloġika li jikkawża. Għalhekk huwa f'idejn l-awtorità pubblika fdata bil-protezzjoni ambjentali, biex tiżgura li operatur responsabbli jista' jiġi identifikat, li tistabbilixxi r-rabta kawżali, li tistabbilixxi u tapprova pjan ta' rimedju, li tittieħed l-azzjoni preventiva neċessarja jew li tittieħed azzjoni ta' rimedju, eċċ.[8].

Barra minn hekk, ir-responsabbiltà kriminali tirreferi għar-responsabbiltà li tirriżulta meta jitwettaq att kriminali li l-liġi tikkwalifikah hekk. Hemm differenza fundamentali bejn ir-responsabbiltà ċivili kif ukoll ir-responsabbiltà ambjentali fuq naħa waħda u r-responsabbiltà kriminali fuq in-naħa l-oħra. Fejn ir-regoli dwar ir-responsabbiltà f'tal-ewwel jirriżultaw, fil-prinċipju[9], f'pieni li huma ta' natura esklużivament finanzjarja u mmirati li jikkumpensaw u jirrimedjaw għall-ħsara kkawżata, ir-responsabbiltà kriminali għandha l-għan li tikkastiga aġir illegali u l-penali jistgħu jinkludu l-priġunerija kif ukoll multi u pieni mhux kustodjali oħra.

L-ADEGWATEZZA TAR-RESPONSABBILTÀ KRIMINALI GĦAL INĊIDENTI OFFSHORE U GĦALL-ĦSARAT LI JIRRIŻULTAW MINNHOM

Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea kkonfermat fl-2005[10] li l-Komunità Ewropea kellha l-kompetenza li tadotta miżuri tal-liġi kriminali relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jekk dan ikun meħtieġ, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti tal-politika ambjentali tagħha. Abbażi ta' din il-ġurisprudenza, id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali (id-Direttiva dwar reati ambjentali) – l-ewwel Direttiva tal-Unjoni li fiha dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà kriminali – fl-2008, stabbiliet lista ta' reati ambjentali li l-Istati Membri jridu jqisuhom bħala reati kriminali jekk jitwettqu b'intenzjoni jew b'negliġenza serja. Għalhekk, minbarra l-pieni ċivili ċċentrati lejn il-kumpens li kienu diġà fis-seħħ, l-UE introduċiet pieni kriminali armonizzati għall-ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE.

Skont din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħtu sanzjonijiet kriminali għal ċerti atti li jikkawżaw, jew x'aktarx li jikkawżaw il-mewt jew feriti sejri, jew ħsara sostanzjali lill-kwalità tal-arja, il-kwalità tal-ħamrija jew il-kwalità tal-ilma, jew lill-annimali jew lill-pjanti. Madankollu, l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa limitat: id-Direttiva tikkriminalizza biss il-ksur ta' xi partijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE li huma elenkati fl-Annessi tad-Direttiva. L-atti kriminalizzati jinkludu, pereżempju, ir-rimi illegali ta' sustanzi perikoluži fl-ilma tal-wiċċ jekk dan jikkawża jew x'aktarx li tikkawża l-mewt jew ħsara lil persuni jew ħsara sinifikanti lill-ambjent; il-vjeġġ illegali ta' skart mill-Unjoni Ewropea jekk jinvolvi kwantità sinifikanti ta' skart u jekk ikun hemm intenzjoni ċara li jsir

[7] Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali, ĠU L 143, 30.04.2004, p. 56.

[8] Jeżisti trikkib bejn ir-responsabbiltà ċivili u ambjentali, ara l-Introduzzjoni tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà.

[9] Bl-eċċezzjoni tal-hekk imsejħa "danni punittivi" fis-sistemi legali komuni.

[10] Il-Kawża C-176/03, *Il-Kummissjoni*vs. *Il-Kunsill*, sentenza tat-13 ta' Settembru 2005.

profitt minnu biss; u l-esportazzjoni illegali ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw; iżda mhux l-attivitajiet koperti mill-OSD.

Kif jidher fl-Artikolu 39(3) tal-OSD, dan iqanqal kunsiderazzjonijiet ukoll dwar ċertu kondotta li twassal għal inċidenti offshore fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi kriminali permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Filwaqt li r-responsabbiltà kriminali għall-ksur tas-sikurezza offshore mhux se taffettwa direttament ir-rimedju tal-ħsara kkawżata, hija żżid saff separat ta' dissważjoni lil hinn mir-responsabilità ċivili u r-responsabbiltà ambjentali, li jista' jtejjeb il-protezzjoni ambjentali u l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza offshore.

Il-ksur tas-sikurezza offshore diġà jaqa' taħt il-kodiċi kriminali ta' xi Stati Fokali. Pereżempju, il-liġijiet tar-Renju Unit (UK) u d-Danimarka fihom dispożizzjonijiet li jikkriminalizzaw ċerti nuqqasijiet ta' konformità[11]. Madankollu, la d-definizzjoni tar-reati kriminali u lanqas it-tip minimu, u l-livell ta' sanzjonijiet mhuma armonizzati fl-UE. Jeżistu prekundizzjonijiet legali stretti li jridu jiġu ssodisfati qabel ma jiġi kkunsidrat jekk ksur tas-sikurezza offshore għandux ikun kriminalizzat bil-leġiżlazzjoni tal-UE. L-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-bażi legali għall-ħolqien ta' regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet f'qasam ta' politika partikolari tal-UE. Espressament, dan jippermetti li l-leġiżlaturi tal-UE jadottaw: "regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam ikkonċernat" jekk dan "huwa essenzjali fl-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien soġġett għal miżura ta' armonizzazzjoni".

Għalhekk, l-adozzjoni ta' miżuri dwar il-liġi kriminali tal-UE hija soġġetta għall-valutazzjoni dwar jekk humiex "essenzjali" biex tinkiseb l-implimentazzjoni effettiva tal-politika. B'hekk, id-deċiżjoni li l-ksur tal-OSD jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi kriminali tista' tittieħed biss wara test bir-reqqa tan-neċessità u tal-proporzjonalità dwar jekk il-miżuri tal-liġi kriminali humiex essenzjali sabiex jintlaħaq l-għan imsemmi. Dan ma jistax isir qabel l-OSD fil-forma attwali tagħha tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali ta' xi Stati Fokali u sakemm tinkiseb ftit esperjenza dwar l-effettività tagħha[12]. L-Istati Membri għadhom ma ddeċidewx dwar il-penali għall-ksur tal-liġijiet nazzjonali li jittrasponu l-OSD; huma kellhom sad-19 ta' Lulju 2015 għat-traspożizzjoni tal-OSD u kwalunkwe deċiżjoni bħal din tista' ssir f'dak il-kuntest jew fil-proċess tal-liġi tal-implimentazzjoni wara t-traspożizzjoni. Għalhekk, bħalissa għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk il-penali li għandhom jiġu mfassla mill-Istati Fokali fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-OSD u l-implimentazzjoni sussegwenti humiex se jipprovdu deterrent suffiċjenti b'mod konsistenti fl-UE kollha, jew jekk il-penali kriminali tal-UE hux se jkunu essenzjali biex jiżguraw sikurezza effettiva b'mod sħiħ fl-operazzjonijiet offshore[13].

Jekk fil-futur jiġi determinat li l-OSD fil-forma preżenti tagħha ma tistax tiżgura b'mod suffiċjenti s-sikurezza tal-operazzjonijiet offshore kif maħsub, u li huwa essenzjali li l-għanijiet tagħha jingħaqdu mar-responsabbiltà kriminali għall-ksur offshore, din ir-responsabbiltà tista' tiġi introdotta bħala dispożizzjoni ġdida tal-OSD permezz ta' emenda ta' dik id-Direttiva. L-introduzzjoni tista' ssir ukoll permezz ta' att legali ġdid indipendenti. Madankollu, l-aktar mod koerenti jkun li s-sanzjonijiet kriminali jiġu armonizzati bid-Direttiva dwar reati ambjentali. Dan jevita l-ħolqien ta' standards

[11] Ara l-Anness II tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

[12] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Lejn Politika Kriminali tal-UE: L-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva tal-politiki tal-UE permezz tal-liġi kriminali, 20 ta' Settembru 2011, KUMM (2011) 573, disponibbli fuqhttps://webgate.ec.testa.eu/docfinder/extern/aHR0cDovLw==/ZXVyLWxleC5ldXJvcGEuZXU=/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52011DC0573&rid=1.

[13] Sa mhux aktar tard mid-19 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva skont l- Artikolu 40 tagħha.

differenti għal sanzjonijiet kriminali meta mqabbla ma' dawk stabbiliti bid-Direttiva dwar reati ambjentali għal bosta reati ambjentali. Din hija r-raġuni għaliex l-Artikolu 39(3) tal-OSD jipprevedi l-kriminalizzazzjoni ta' reati skont l-OSD permezz ta' emenda tad-Direttiva dwar reati ambjentali. F'termini prattiċi, dan ifisser emenda fl-Anness A tad-Direttiva dwar reati ambjentali biex jinkludi l-OSD, hekk kif din telenka l-leġiżlazzjoni li l-ksur tagħha jikkostitwixxi mġiba illegali.

Konklużjonijiet u proposti

L-Artikolu 39 tal-OSD jinkariga lill-Kummissjoni bil-kompitu li teżamina l-adegwatezza ta' ċertu kondotta li twassal għal inċident kbir fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar reati ambjentali. Madankollu, f'dan l-istadju, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk miżuri tal-liġi kriminali tal-UE hux se jkunu essenzjali biex jinkisbu livelli ta' effettività tas-sikurezza fl-operazzjonijiet offshore fl-Unjoni. Sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk ċertu kondotta li twassal għal inċident kbir għandhiex tinġieb fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar reati ambjentali, l-UE trid tikseb xi ftit esperjenza dwar l-effikaċja tal-OSD.

Il-Kummissjoni se tħejji l-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-OSD sad-19 ta' Lulju 2019. Ser ikun importanti li l-Kummissjoni terġa' tiffoka fuq dan is-suġġett f'dak iż-żmien, u li l-Istati Membri jiddeterminaw jekk huwiex xieraq li l-kondotta li twassal għal inċident kbir tiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar reati ambjentali. Sadanittant, il-Kummissjoni tista' tirranġa biex l-Istati Membri jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar il-pieni kriminali u l-ġestjoni tar-riskju f'impriżi minn firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi.

Skont il-konklużjoni ta' hawn fuq, il-bqija ta' dan ir-rapport jittratta biss ir-responsabbiltà ambjentali u ċivili f'każ ta' inċidenti offshore.

L-EFFETTIVITÀ TAR-REĠIMI TAR-RESPONSABBILTÀ

L-effettività tar-reġimi tar-responsabbiltà tista' tiġi ġġudikata mill-mod kemm jiddefinixxu b'mod ċar: a) min huwa responsabbli; b) għal liema tip ta' ħsara jew telf; u c) lil min.

a) Min huwa responsabbli?

L-OSD tintroduċi f'dan ir-rigward żewġ punti importanti ta' armonizzazzjoni.

Qabelxejn, tattribwixxi r-responsabbiltà lid-detenturi ta' liċenzja (jiġifieri d-detenturi individwali jew konġunti ta' awtorizzazzjoni għall-operazzjonijiet tal-ipprospettar, tal-esplorazzjoni u/jew tal-produzzjoni taż-żejt/tal-gass, maħruġa skont id-Direttiva 94/22/UE). Huwa importanti li l-OSD tistabbilixxi dan il-prinċipju billi tipprovdi ċarezza ġuridika sħiħa u għandha tiżgura li d-detenturi tal-liċenzji jieħdu r-responsabbiltà primarja għall-kontroll tar-riskji li joħolqu huma stess permezz tal-operazzjonijiet tagħhom.

Imbagħad, fir-rigward tal-ħsara ambjentali minn inċidenti offshore, id-dispożizzjonijiet introdotti permezz tal-OSD jinkludu operazzjonijiet offshore skont l-ELD.[14]. Dan ifisser li issa tapplika responsabbiltà stretta għall-ħsara ambjentali — jiġifieri, kull detentur ta' liċenzja huwa għalhekk

[14] L-Artikolu 7 tal-OSD jemenda l-ELD biex id-detenturi ta' liċenzja jsiru finanzjarjament responsabbli għall-prevenzjoni u r-rimedju ta' ħsara ambjentali kif definit f'din l-aħħar Direttiva.

responsabbli għal ħsara bħal din mingħajr il-ħtieġa ta' prova ta' negliġenza min-naħa tiegħu diment li tiġi stabbilita rabta kawżali.

Filwaqt li l-OSD armonizzat dawn iż-żewġ aspetti dwar ir-responsabbiltà għall-inċidenti offshore, ma pprovdietx għal armonizzazzjoni fir-rigward tal-ħsara ċivili. Hawnhekk, fil-parti l-kbira l-inċidenti offshore jaqgħu taħt il-liġi ċivili tal-Istati Fokali u hemm differenzi sinifikanti fil-mod kif il-liġijiet nazzjonali jittrattaw id-detenturi tal-liċenzja li jkunu kkawżaw ħsara ċivili minħabba negliġenza meta mqabbla ma' detenturi ta' liċenzja li l-azzjonijiet tagħhom ma jkunux kisru standard ta' diliġenza dovuta.

Filwaqt li l-istabbiliment ta' rabta kawżali bejn l-attività u l-ħsara huwa meħtieġ dejjem, ta' spiss tapplika r-regola tan-negliġenza, li jfisser li l-ewwel il-qrati għandhom jiddeċiedu li l-parti responsabbli kisret standard ta' diliġenza sabiex titqajjem ir-responsabbiltà ċivili għall-ħsara u biex jingħataw id-danni konsegwenzjali. Jekk għal danni ċivili tapplikax ir-regola tan-negliġenza jew ir-responsabbiltà stretta, din hija kwistjoni li tvarja minn pajjiż għal ieħor skont it-tip ta' ħsara u telf[15].

b) Għal xiex inhuma responsabbli?

Ir-responsabbiltà għal ħsara *ambjentali* minn inċidenti offshore hija rregolata fl-UE kollha abbażi tal-ELD. Din il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi wkoll l-ammont ta' ħsara li trid tiġi rimedjata u kkumpensata. Għaldaqstant, id-detenturi tal-liċenzja se jinżammu responsabbli għal ħsara lil speċijiet protetti u lil ħabitats naturali kif definit fid-Direttivi dwar l-Għasafar[16] u l-Ħabitats[17], kif ukoll għal ħsara lill-ilma, kif definit fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[18] u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina[19] kullimkien fl-UE. Huma għandhom jikkumpensaw lill-awtoritajiet pubbliċi għal kwalunkwe xogħol magħmul biex jirrestawraw l-ambjent għall-kundizzjoni bażika, jew jagħmlu dan ix-xogħol huma stess.

Filwaqt li l-liġi tal-Unjoni tarmonizza r-responsabbiltà għall-ħsara ambjentali, u filwaqt li l-liġi fl-Istati Fokali dejjem tipprovdi għal talbiet f'każ ta' ħsara fuq il-persuna u ħsara lill-proprjetà minn inċidenti offshore, ir-responsabbiltà għal tipi differenti ta' telf ekonomiku tvarja b'mod sinifikanti. Pereżempju, il-liġi fl-Istati fokali tvarja fil-mod kif talba għal telf ekonomiku trid tkun direttament relatata ma' inċident biex tkun kompensabbli ("dispożizzjonijiet dwar id-direttività"). Il-liġi tal-Istati Fokali bħal Ċipru u r-Renju Unit, teskludi t-talbiet għal telf ekonomiku dirett fin-nuqqas ta' ħsara fuq il-persuna jew ħsara lill-proprjetà ("ir-regola tal-esklużjoni").

Hemm ukoll differenza fil-mod kif u jekk il-leġiżlazzjoni fl-Istati Fokali tindirizza speċifikament is-setturi tal-industrija li jiddependu mill-kundizzjoni tajba tal-ambjent marittimu komuni għan-negozju,

[15] Deskrizzjoni sħiħa ta' dawn id-differenzi tista' tinstab fit-tabella 2 u fl-Anness III tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

[16] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7.

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p.7

[18] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1

[19] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, tal-25.6.2008, p. 19.

bħalma hija l-industrija tas-sajd. L-esperjenza wriet li dawn is-setturi, li spiss jinkludu bosta intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jistgħu jsofru telf ekonomiku sinifikanti f'każ ta' inċident kbir offshore[20].

F'dan ir-rigward, in-Norveġja stabbiliet forsi l-aktar leġiżlazzjoni komprensiva biex tittratta r-responsabbiltà ċivili għat-tniġġis offshore. Din mhux biss timponi responsabbiltà stretta għal ħsara fuq il-persuna, ħsara lill-proprjetà u telf ekonomiku, inkluż ħsara li tkun biss ekonomika[21], hija tistqarr b'mod speċifiku li "telf finanzjarju imġarrab mis-sajjieda Norveġiżi bħala riżultat ta' attivitajiet marbutin maż-żejt mhux raffinat" huma kompensabbli[22].

c) Lejn min huma responsabbli? Min jista' jitlob għal kumpens?

Id-dritt għal kumpens għall-ħsarat imġarrba jista' jkun ibbażat fuq dispożizzjonijiet legali (ir-regola ġenerali fis-settur offshore) jew fuq dispożizzjonijiet kuntrattwali u fil-prinċipju, jingħata wara talba introdotta mill-parti affettwata. F'każijiet speċifiċi, il-kumpens jista' wkoll ikun "awtomatiku" (ftit azzjoni meħtieġa mill-parti affettwata), pereżempju fi ħdan tipi ta' azzjonijiet kollettivi "opt-out"[23] jew meta d-dispożizzjonijiet legali jew kuntrattwali jispeċifikaw hekk.

Bħala difensuri tal-interess komuni, l-awtoritajiet pubbliċi jressqu t-talbiet kontra l-partijiet responsabbli għal ħsara ambjentali. Fil-każ ta' ħsara ċivili u telf, kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li ġġarrab ħsara jew telf minn operazzjonijiet offshore għandha dritt li tressaq talba, billi t-trattament ugwali huwa prinċipju ċentrali f'għajnejn il-liġi tal-Istati Fokali.

Madankollu, hemm mistoqsijiet leġittimi dwar jekk, u sa liema punt, min wettaq il-ħsara huwa responsabbli lejn pretendenti f'pajjiżi oħra milquta mill-operazzjonijiet tagħhom. F'dan il-każ, għandhom jiġu riżolti tliet kwistjonijiet interdipendenti:

1. Ġuriżdizzjoni: Liema qrati għandhom jaqtgħu l-kawża?
2. Għażla ta' liġi: Liema liġijiet għandha tapplika dik il-qorti?
3. Sentenzi barranin: Sentenza se tkun rikonoxxuta jew infurzata f'pajjiż ieħor?

Żewġ Regolamenti eżistenti tal-UE jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni, ir-Regolament Brussell I[24] jagħti lill-vittmi ta' inċidenti offshore d-dritt li jressqu proċedimenti kontra l-konvenuti domiċiljati fl-Unjoni jew fil-pajjiż li fih il-konvenut ikun domiċiljat, fil-pajjiż fejn seħħ l-inċident jew fil-pajjiż fejn iġġarrbet il-ħsara. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll fin-Norveġja u fl-Iżlanda abbażi tal-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007[25].

Dan ifisser, pereżempju, li persuna (fiżika jew ġuridika) fin-Netherlands li sofriet ħsara minn inċident offshore kkawżat fl-ilmijiet tar-Renju Unit minn kumpanija Taljana, tista' tagħżel li tfittex kumpens fil-qrati tan-Netherlands, jew tar-Renju Unit inkella tal-Italja, skont fejn taħseb li tkun tista' tikseb l-aktar trattament u eżitu xieraq.

---

[20] It-talbiet għal telf ekonomiku kienu jammontaw għal 96 % tat-talbiet mill-Faċilità tat-Talbiet tal-Kosta tal-Golf wara l-inċident tad-Deepwater Horizon fl-Istati Uniti fl-2010.

[21] Għalkemm b'limitazzjonijiet li jirriżultaw mill-ħtieġa li jiġi stabbilit li t-telf ekonomiku mġarrab kien suffiċjentement dirett.

[22] Ara l-Anness III tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

[23] Meta rikorrent wieħed jew diversi rikorrenti msemmija jagħmlu talba f'isem proposta ta' klassi ta' individwi jew entitajiet ta' negozju li jkunu ġarrbu ħsarat komuni, u l-individwi jridu jippreżentaw talba għall-esklużjoni tagħhom minn klassi jekk ma jkunux jixtiequ jiġu inklużi awtomatikament.

[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali. ĠU L 012 tas-16 ta' Jannar 2001.

[25] Il-Konvenzjoni dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjal, 2007. Ara t-Taqsima 2.10 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet domanda dwar l-għażla tal-liġi u s-sentenzi barranin, skont ir-Regolament ta' Ruma II[26], il-liġi dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta minn inċidenti offshore tkun il-liġi tal-pajjiż li fih isseħħ il-ħsara, irrispettivament minn fejn ikun seħħ l-inċident. Jekk il-ħsara li għalija ntalab kumpens hija ħsara ambjentali jew ħsara mġarrba minn persuni jew proprjetà bħala riżultat ta' din il-ħsara, il-vittmi jistgħu wkoll jagħżlu li jiddependu mil-liġi tal-pajjiż fejn sar l-inċident. Għandu jiġi nnutat li l-liġi applikabbli tista' tkun il-liġi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz barra l-UE[27].

Dan ifisser, pereżempju, li pretendent Norveġiż għal ħsara minn tixrid ta' żejt li tirriżulta minn inċident offshore fin-Netherlands jista' jagħżel li jfittex kumpens skont il-liġijiet tan-Norveġja jew tan-Netherlands, skont liema tkun l-aktar favorevoli għalih.

Valutazzjoni tal-effettività ta' reġimi tar-responsabbiltà u tal-adegwatezza tat-twessigħ tad-dispożizzjonijiet tar-responsabbiltà

Kif deskritti hawn fuq, u kif deskritti fid-dettall fl-SWD dwar ir-Responsabbiltà, ir-responsabbiltà għal ħsara fuq il-persuna u għal ħsara lill-proprjetà, diġà hija disponibbli fl-Istati Fokali u r-responsabbiltà ambjentali ġiet armonizzata permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Madankollu, l-Istati Fokali jittrattaw ir-responsabbiltà ċivili għal inċidenti offshore b'modi differenti u jistgħu jillimitaw dan fi gradi differenti. Pereżempju, billi l-liġijiet ta' Ċipru u tar-Renju Unit għandhom tendenza li jimponu iktar limitazzjonijiet dwar ir-responsabbiltà billi jirrikjedu prova ta' negliġenza jew ta' karattru dirett tat-telf ekonomiku mġarrab, il-liġijiet tal-Istati Fokali l-oħra bħalma huma d-Danimarka, Franza, l-Iżlanda, in-Netherlands u n-Norveġja, huma aktar favorevoli għall-pretendenti[28].

Madankollu, huwa importanti li wieħed jinnota li, minkejja d-differenzi bejn l-Istati Fokali, huwa diffiċli li jiġi identifikat b'mod ċar liema huma l-inqas effettivi biex jittrattaw it-talbiet possibbli li jirriżultaw minn inċidenti offshore.

Is-sitwazzjoni f'tal-inqas xi reġimi nazzjonali jistgħu jinbidlu wkoll: f'kuntatti li kellhom mal-Kummissjoni (inkluż fil-laqgħat tal-Grupp tal-Awtoritajiet Offshore tal-UE — EUOAG[29]), diversi Stati Membri indikaw li huma jistgħu jirrevedu r-reġimi eżistenti tagħhom dwar ir-responsabbiltà għal inċidenti offshore flimkien mal-obbligu li jiġu stabbiliti proċeduri ta' kumpens skont l-Artikolu 4(3) tal-OSD. Filwaqt li skont id-Direttiva bidliet fit-trattament tar-responsabbiltajiet ċivili mhumiex meħtieġa b'mod espliċitu, ir-responsabbiltà u l-kumpens huma kwistjonijiet relatati mill-qrib, u l-bidliet f'wieħed jistgħu jirrikjedu bidliet fl-oħra. Għalhekk, l-obbligu skont l-Artikolu 4(3) tal-OSD jista' jwassal għal twessigħ tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabilità f'xi Stati Fokali.

It-twessigħ tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà fil-livell tal-UE jista' jwassal biex ir-responsabbiltà stretta tiġi applikata għal aktar kategoriji ta' ħsara ċivili u telf fl-Istati Fokali, u/jew twassal biex aktar tipi ta' telf ekonomiku jkun disponibbli għal kumpens – b'mod partikolari t-tipi ta' telf ekonomiku li x'aktarx jiġu mġarrba mis-settur tas-sajd u l-ekonomiji kostali lokali (bħal f'destinazzjonijiet turistiċi ħdejn il-baħar). Meta minħabba ċerta ambigwità fit-testi legali

[26] Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II") ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40. Dan ir-Regolament ma japplikax għad-Danimarka.

[27] Ara t-Taqsima 2.10 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

[28] Aktar dettalji fit-Taqsima 2.2 u fit-Taqsimiet 2.5 sa 2.7 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

[29] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar it-twaqqif tal-Grupp ta' Awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea li huma responsabbli għall-attivitajiet taż-żejt u tal-gass li jitwettqu lil hinn mill-kosta (ĠU C 18, 21.1.2012, p. 8).

korrispondenti xi talbiet għat-telf ekonomiku jkunu inċerti, il-leġiżlazzjoni tista' tiġi ċċarata b'referenza speċifika għat-tip ta' ħsara li x'aktarx irriżultat minn inċidenti offshore u/jew il-partijiet li x'aktarx jiġu affettwati. Fl-aħħar nett, filwaqt li l-liġijiet eżistenti jidhru komprensivi fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja bejn il-fruntieri, it-twessigħ fid-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà jista' jinvolvi rimedju aktar aċċessibbli għal lil pretendenti ta' ħsara offshore billi tiġi introdotta l-possibbiltà ta' opt-out minn azzjonijiet ta' klassi konġunti għal inċidenti offshore.

Wieħed jista' jargumenta li meta l-impriżi jinżammu responsabbli għal *kull* ħsara jew telf ikkawżat minn inċidenti offshore dan jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi. Dan jagħti inċentiv lill-kumpaniji biex jieħdu l-prekawzjonijiet xierqa u biex jiżviluppaw modi ta' operazzjonali aktar sikuri. Dan jgħin ukoll biex jiżgura li l-attivitajiet offshore jseħħu biss jekk il-benefiċċji tagħhom ikunu akbar mir-riskji tagħhom.

Madankollu, il-limitazzjoni tar-responsabbiltà hija ħtieġa prattika. B'mod partikolari, il-litigazzjoni dwar talbiet minħabba tixrid taż-żejt tista' tkun kumplessa u jrid jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa li jiġu kkumpensati l-vittmi b'mod adegwat u li jiġi evitat il-ħlas ta' talbiet "illeġittimi". Hemm ċans kbir li t-telf ekonomiku jgħaddi minn settur ekonomiku għal ieħor u b'hekk il-parametri tar-responsabbiltà definiti sew huma essenzjali biex tiġi evitata responsabilità eċċessiva — magħrufa wkoll bħala l-kwistjoni tal-bibien miftuħa għall-abbuż (floodgates issue) [30] – fl-interess tal-esklużjoni mixtieqa tat-talbiet aktar indiretti u spekulattivi. It-tradizzjonijiet legali jiddeterminaw kif is-sistemi tal-ġustizzja tal-Istati Membri jiddistingwu bejn it-talbiet leġittimi u r-riskji ordinarji li jħabbtu wiċċhom magħhom il-parteċipanti fl-ekonomija.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Filwaqt li hemm differenzi nazzjonali fil-mod li bih ir-reġimi tar-responsabbiltà jirregolaw l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' inċidenti offshore, fil-preżent ma jista' jsir l-ebda każ ċar li xi approċċ attwali għar-responsabilità ċivili fl-Istati Fokali huwa inqas effettiv fit-tisħiħ tal-għan tal-OSD li tiżgura s-sikurezza tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore fl-UE.

Madankollu, huwa ċar li t-traspożizzjoni tal-OSD fil-liġi nazzjonali se tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jesploraw modi li bihom ir-regoli tagħhom dwar ir-responsabbiltà se jitħarsu bl-aħjar interess pubbliku ġenerali skont ir-rekwiżiti dwar il-kumpens tal-Artikolu 4(3) tal-OSD. Billi jekk jiġi żgurat it-trattament adegwat tat-talbiet għal kumpens, jistgħu jiġu inklużi bidliet fir-reġim dwar ir-responsabbiltà li jagħtu lok għal kumpens, xi Stati Membri jistgħu jirrevedu r-reġimi nazzjonali tagħhom biex jiġi stabbilit il-limitu ta' responsabbiltà minn operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore.

Meta jirrevedu r-reġimi tar-responsabilità tagħhom fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-OSD fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ukoll l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għas-setturi ekonomiċi l-aktar vulnerabbli għal inċidenti offshore bla ma jintroduċu l-inċertezza kbira dwar il-livelli ta' responsabbiltà finanzjarja li jistgħu jfixklu l-iżvilupp tar-riżorsi taż-żejt u tal-gass offshore. Fit-tfassil ta' dawn l-isforzi għandhom jitqiesu d-differenzi nazzjonali sostanzjali fil-benefiċċji ekonomiċi u r-riskji li jiġu mill-operazzjonijiet offshore li jeżistu, kif ukoll l-industriji esposti għal inċidenti offshore fi Stati Membri differenti. Pereżempju, Stati Membri li għandhom attivitajiet offshore sinifikanti, kif ukoll is-setturi tas-sajd u/jew tat-turiżmu kostali kbar għandhom

[30] L-impossibbiltà li jiġu evitati talbiet ikkomunikati mill-bogħod li s-soċjetà ma tarahomx bħala leġittimi, iżda li x'aktarx li jirnexxu.

jeżaminaw jekk huwiex mixtieq rinfurzar tad-dispożizzjonijiet dwar it-telf ekonomiku speċifikament għal dawn is-setturi, bħalma pereżempju għamlet diġà n-Norveġja għas-settur tas-sajd tagħha.

Barra minn hekk, ir-Regolamenti Brussell I u Ruma II jfissru li fir-rekwiżiti tal-garanzija finanzjarja tagħhom, l-Istati Fokali jridu jikkunsidraw il-ħsara potenzjali li d-detenturi tal-liċenzji u l-operaturi jistgħu jġarrbu f'ġurisdizzjonijiet oħra. Din il-ħsara tista' tkun ħafna ikbar mill-ħsarat imġarrba lokalment minħabba l-impronta ġeografika kbira ta' inċidenti kbar u l-possibbiltà ta' aktar regoli stretti dwar ir-responsabbiltà ċivili f'ġurisdizzjonijiet oħra.

Il-Kummissjoni tinsab f'qagħda tajba biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet speċifiċi tat-traspożizzjoni permezz ta' fora bħall-Grupp tal-Awtoritajiet Offshore tal-UE (EUOAG), flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, l-industrija taż-żejt u l-gass, industriji oħra u s-soċjetà ċivili. Ta' spiss ġabet diskussjoni dwar l-aġenda tal-laqgħat tal-EUOAG u se tkompli tagħmel dan permezz ta' seminars immirati u sessjonijiet ta' skambju strutturati dwar l-aħjar prattiki.

Madankollu, il-Kummissjoni għandha tmur lil hinn milli tistimula diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u tiżgura li l-Istati Membri kollha jittrattaw il-punti mqajma hawn fuq permezz ta' kontrolli tal-konformità li jkunu ffukati fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar ir-responsabbiltà u l-kumpens tal-OSD. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tuża l-laqgħat tal-EUOAG għal ġbir sistematiku tad-dejta li jkopri l-aspetti kollha marbuta mar-responsabbiltà tal-liġijiet trasposti ġodda fl-Istati Membri.

Dawn it-tliet miżuri ser jippermettu li l-Kummissjoni tinkludi fl-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha, analiżi komprensiva tal-bidliet fir-reġimi nazzjonali individwali speċifikament fir-rigward tal-effettività tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tikkonkludi dwar il-ħtieġa li jittieħdu passi ulterjuri.

STRUMENTI TA' GARANZIJA FINANZJARJA U D-DISPONIBBILTÀ TAGĦHOM

Ladarba tiġi stabbilita r-responsabbiltà, il-kwistjoni naturalment tgħaddi fuq kif it-tortfeasor se jiffinanzja d-danni li huwa responsabbli għalihom. Id-diżastru ta' Deepwater Horizon wera li l-agħar inċidenti offshore jistgħu jikkawżaw ħsara tant kbira li l-akbar azjendi biss ikunu jistgħu jassorbu kompletament l-ispejjeż tagħhom. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar l-eżistenza ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja li jiżguraw li l-kumpens huwa disponibbli, u li l-kumpaniji jibqgħu solventi, wara inċident kbir.

Hemm varjetà wiesgħa ta' prodotti ta' garanzija finanzjarja disponibbli għall-iħħeġġjar tar-riskju operattiv tal-kumpaniji taż-żejt u tal-gass. Dawn ivarjaw minn alternattivi ta' awtoassigurazzjoni[31], għal assigurazzjoni ta' responsabilità ċivili[32], għal skemi reċiproċi bħall-Assoċjazzjoni għar-Responsabbiltà ta' Tniġġis Offshore (OPOL)[33], għal alternattivi ta' mekkaniżmi ta' trasferiment tar-riskju[34] u oħrajn.

Kaxxa b'test: OPOL

L-Assoċjazzjoni għar-Responsabbiltà ta' Tniġġis Offshore (OPOL) hija ftehim reċiproku industrijali miftuħ għal

[31] L-SWD dwar ir-Responsabbiltà, pp. 35-36.
[32] L-SWD dwar ir-Responsabbiltà, pp. 36-38.
[33] L-SWD dwar ir-Responsabbiltà, pp. 40-41.
[34] L-SWD dwar ir-Responsabbiltà, p. 41.

operaturi offshore f'ħafna Stati Fokali. Il-kumpaniji Membri jibbenefikaw minn garanzija li kumpaniji oħra fl-iskema se jħallsu għal kwalunkwe responsabbiltà li finanzjarjament ma jkunux jistgħu jħallsu għalihom infushom sal-limiti finanzjarji stabbiliti ($125 miljun għall-kostijiet tar-rimedju u $125 miljun għal ħsara mit-tniġġis). Wara inċident, ma jsirux talbiet direttament kontra l-OPOL innifisha, iżda kontra l-kumpanija membru responsabbli għall-ħsara jew għat-telf.

L-OPOL mhix fond ta' kumpens u lanqas mhi garanzija kontra l-falliment finanzjarju ta' kumpanija għall-kumpanija nnifisha. Din il-mutwalizzazzjoni tar-riskju ta' insolvenza li ħallsu l-partijiet terzi tgħin biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-assigurazzjoni u tassigura mill-ġdid lir-regolaturi u lill-pubbliku dwar il-kapaċità finanzjarja tad-detenturi ta' liċenzji offshore. Il-kriterji dwar is-sħubija fl-OPOL iżidu wkoll saff ta' monitoraġġ reċiproku industrijali li jikkomplementa l-iskrutinju regolatorju tal-kapaċità finanzjarja tal-kumpaniji fil-ħruġ ta' liċenzji.

Is-sħubija fl-OPOL teħtieġ li l-operaturi jaċċettaw responsabbiltà stretta għal ħsara jew telf u dan huwa prerekwiżit għall-ħruġ ta' liċenzji fir-Renju Unit. Is-sħubija fl-iskema tissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-liċenzji tal-Irlanda għal operazzjonijiet offshore. Madankollu, il-limitu massimu tal-OPOL ta' $250 miljun għar-rimborż u għall-kumpens għal kull inċident ma jistax ikopri kull ħsara jew telf mill-agħar inċidenti. Aktar dettalji fit-taqsimiet 2.3 u 4.2 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

Filwaqt li mhux dawn il-prodotti kollha jistgħu jkunu jkunu qed jintużaw b'mod wiesa' fl-industrija offshore, jidher li s-suq għal strumenti ta' garanzija finanzjarja għandu l-profondità u l-innovazzjoni meħtieġa biex jipprovdi għal kull kumpanija taż-żejt u tal-gass li topera skont l-obbligi tar-responsabbiltà attwali taż-ŻEE. Dan jippermetti wkoll li l-kumpaniji taż-żejt u tal-gass jifirxu r-riskju tagħhom għal diversità ta' atturi fis-suq, minn assiguraturi u riassiguraturi, għal atturi tas-suq finanzjarju bħal gruppi privati ta' ekwità u fondi ħeġġ, kif ukoll għal kumpaniji oħra taż-żejt u tal-gass.

Minkejja dan, bħalissa hemm nuqqas ta' użu ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja li jkopru l-ħsara kollha mill-inċidenti offshore l-aktar skarsi u li jiswew l-iżjed. Jista' jkun hemm bosta raġunijiet għal dan, li waħda minnhom diġà ġiet diskussa f'dan ir-rapport: jista' jkun li fil-preżent, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà għall-ħsara f'ċerti Stati Fokali prodotti bħal dawn ma jkunux meħtieġa.

Fattur kontributorju ewlieni ieħor huwa li bosta regolaturi mill-Istat Fokali jillimitaw x'forom ta' kopertura jaċċettaw, u jipprekludu l-għoti ta' firxa ta' soluzzjonijiet innovattivi. Tnax minn għoxrin Stat Fokali jispeċifikaw espliċitament l-assigurazzjoni bħala mekkaniżmu ta' garanzija finanzjarja għall-ħruġ ta' liċenzji u/jew għal operazzjonijiet, li minnhom disa' ma jispeċifikaw l-ebda tip ta' mekkaniżmu ieħor. Il-proporzjon għoli ta' Stati Fokali li jiffavorixxu l-assigurazzjoni jista' jkun saħansitra ogħla billi l-mudell tal-ftehimiet kuntrattwali għal sitt Stati Fokali ewlenin ma kienx disponibbli għal reviżjoni[35].

Dan iwaqqaf milli jkun hemm fehim sħiħ ta' kemm il-fatturi l-oħra jistgħu jkunu qed jillimitaw l-iżvilupp ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja għar-responsabbiltajiet offshore. Dawn il-fatturi jistgħu jinkludu nuqqas ta' rekwiżit regolatorju għal livelli xierqa ta' kopertura. Il-kopertura tista' tkun lil hinn mill-kapaċitajiet ta' assiguraturi individwali, jew mid-disponibbiltà tar-riassigurazzjoni fis-suq. Alternattivament, meta l-kopertura tkun disponibbli, jista' jkun li l-assiguraturi u l-industrija offshore ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-livelli tar-riskju u b'hekk fuq il-prezz għal dawn il-prodotti, u dan iwassal biex ma jingħatawx.

[35] Ara t-Taqsima 3.2. tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

Din is-sitwazzjoni x'aktarx tinbidel bl-implimentazzjoni tal-OSD. L-Artikoli 4(1) sa 4(3) tal-OSD jistabbilixxu rekwiżiti ta' garanzija finanzjarja abbażi tal-esponiment, li jobbligaw lill-Istati Membri biex jikkunsidraw kif xieraq "il-kapaċitajiet finanzjarji tal-applikant, inkluži kwalunkwe garanzija, li jkopru r-responsabbiltajiet li potenzjalment jirriżultaw minn operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore inkwistjoni".

Barra minn hekk, l-Artikolu 4(3) tal-OSD jeħtieġ ukoll li l-Istati Membri "jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji sostenibbli u arranġamenti oħrajn biex jassistu dawk li qed japplikaw għal liċenzji juru l-kapaċità finanzjarja tagħhom". Hawnhekk jistgħu jittieħdu diversi passi, inkluż it-twessigħ tal-forom ta' kopertura aċċettati mill-awtoritajiet nazzjonali.

Id-dispożizzjonijiet tal-OSD huma mtennija wkoll fil-Protokoll Offshore tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, li dan l-aħħar saret parti mill-acquis tal-UE.[36]. Dan il-Protokoll jistipula fl-Artikolu 27(2)(b) tiegħu, li l-Partijiet għandhom jiżguraw li l-operaturi jkollhom u jżommu kopertura tal-assigurazzjoni jew garanzija finanzjarja oħra għal ħsara kkawżata mill-attivitajiet koperti minn dan il-Protokoll.

L-esperjenza tal-ELD turi li jista' jiżviluppa suq kompetittiv għal strumenti ta' garanzija finanzjarja — l-ippuljar, l-assigurazzjoni, il-bonds, il-garanziji eċċ. — wara bidla regolatorja sinifikanti tal-UE, għalkemm b'perjodu ta' żmien li jippermetti lill-parteċipanti fis-suq biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda.[37] Għalhekk, id-disponibbiltà u l-użu ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja għal riskju ta' inċidenti offshore jistgħu jkunu mistennija li titjiebu fis-snin wara l-implimentazzjoni tal-OSD fil-liġi nazzjonali.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Għalkemm mhumiex faċilment disponibbli strumenti ta' garanzija finanzjarja li jkopru l-ħsara kollha mill-inċidenti offshore l-aktar skarsi u li jiswew l-iżjed fis-suq tal-assigurazzjoni, jidher li s-suq għandu l-profondità u l-innovazzjoni meħtieġa biex jipprovdi għal kull kumpanija taż-żejt u tal-gass li joperaw skont l-obbligi tar-responsabbiltà attwali taż-ŻEE. Barra minn hekk, is-suq għall-istrumenti ta' garanzija finanzjarja jista' jkun mistenni li jadatta għar-rekwiżiti l-ġodda introdotti bl-Artikolu 4 tal-OSD, partikolarment jekk l-awtoritajiet nazzjonali jwessgħu l-forom tal-kopertura tal-istrumenti finanzjarji li jaċċettaw. Bidliet antiċipati bħal dawn għandhom jitqiesu wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-OSD u tal-implimentazzjoni tal-Protokoll Offshore tal-Konvenzjoni ta' Barċellona, jiġifieri Lulju tal-2015. Il-Kummissjoni se tpoġġi bħala qasam prijorità ta' skrutinju, l-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikolu 4 fil-verifiki tal-konformità ta' din id-Direttiva.

Id-deċiżjoni dwar jekk sħubija fi skema ta' assigurazzjoni reċiproka bħal OPOL għandhiex tiġi aċċettata jew mitluba, għall-għoti ta' liċenzji għal attivitajiet offshore, l-aħjar li titħalla f'idejn l-Istati Membri billi din hija marbuta mill-qrib mar-reġimi nazzjonali tar-responsabbiltà tagħhom, mal-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni, mad-detenturi tal-liċenzji fl-ilmijiet tagħhom u mar-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom dawn id-detenturi. Id-differenzi reġjonali sinifikanti fl-operazzjonijiet

[36] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Protokoll dwar il-Ħarsien tal-Baħar Mediterran mit-tniġġis ikkaġunat mill-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-blata kontinentali, qiegħ il-baħar u s-sottoswol tiegħu (2013/5/UE), ĠU L 4, 9.1.2013, p.13.

[37] Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni skont l-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2004/35/KE dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni [ta'] u r-rimedju għal danni [ħsara] ambjentali, 12/10/2010, KUMM(2010) 581 finali.

offshore fiż-ŻEE – u għalhekk it-tipi u l-livelli ta' riskju li jħabbtu wiċċhom magħhom l-operaturi – jistgħu jwasslu għall-issussidjar reċiproku inġustifikat tar-riskju bejn dawn ir-reġjuni u għal periklu morali potenzjali f'każijiet meta tingħata soluzzjoni uniformi għal kulħadd.

IT-TRATTAMENT TAT-TALBIET GĦALL-KUMPENS

Wara li jkun ġie stabbilit il-limitu tar-responsabbiltà u ġiet żgurata l-kapaċità ta' finanzjament tal-kumpens dovut għall-ħsara mir-riżorsi proprji tal-kumpanija jew permezz ta' strument finanzjarju, l-aħħar biċċa tal-problema hija kif dan il-kumpens jista' jingħata b'tali mod li l-pretendent leġittimu jirċevih malajr. Id-diżastru tad-Deepwater Horizon fl-2010 wera li inċidenti kbar offshore jistgħu jaffettwaw għadd kbir ta' nies u jdgħajfu r-riżorsi ta' kwalunkwe skema stabbilita biex it-talbiet għal kumpens ikunu pproċessati u biex jingħata l-kumpens lill-vittmi. Dan wera l-importanza li jiddaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi ta' kumpens b'mod proattiv u maħsuba sew, qabel jinħolqu inċidenti kbar bl-għan li jimminimizzaw l-effetti ta' kaskata tat-telf fl-ekonomija.

Bħalissa hemm biss żewġ mekkaniżmi ta' kumpens fis-seħħ, speċifikament għal inċidenti taż-żejt u tal-gass fl-Istati Fokali. L-ewwel, in-Norveġja stabbiliet mekkaniżmu ta' kumpens leġiżlattiv biex tittratta inċidenti offshore. L-Att dwar l-Attivitajiet taż-Żejt mhux raffinat tagħha jikkodifika r-regoli għall-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens aggregati u tal-kumpens għas-sajjieda. Il-leġiżlazzjoni tipprovdi wkoll għal talbiet transfruntiera mid-Danimarka, mill-Finlandja u mill-Iżvezja, kif stabbilit permezz tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Nordiku[38].

Imbagħad, l-OPOL, għalkemm primarjament hija ftehim reċiproku industrijali, tiddeskrivi wkoll il-proċeduri mmirati li jħaffu t-talbiet mingħajr ma tirrikorri għal proċedimenti tal-qorti. Madankollu, nuqqas importanti tal-iskema ta' kumpens tal-OPOL, huwa l-istipulazzjoni li l-operatur responsabbli jiddeċiedi jekk it-talbiet għal kumpens kontrih humiex applikabbli fl-ewwel istanza taħt il-ftehim tal-OPOL[39].

Fin-nuqqas ta' skema ta' kumpens mibnija apposta għal inċidenti taż-żejt u l-gass offshore, it-talbiet għall-kumpens jipproċedu skont il-liġi ċivili nazzjonali. F'dan il-każ, għandhom japplikaw ir-regoli ta' proċedura ċivili[40] u l-każijiet jistgħu jkunu mistennija li jdumu bejn sitt xhur u għadd ta' snin (f'xi każijiet anki għexieren ta' snin) jekk ma jiġux solvuti barra l-qorti. Filwaqt li dan l-aħħar il-Belġju, l-Italja, il-Portugall u n-Netherlands adottaw leġiżlazzjoni ġdida biex jissemplifikaw talbiet tal-massa, anki dan jista' jiġi simplifikat aktar biex tittejjeb il-ġestjoni ta' forom speċifiċi ta' ħsara li tista' tiġi kkawżata minn inċidenti offshore u l-ħtiġijiet tas-setturi li x'aktarx ikunu affettwati – b'mod partikolari s-sajd u t-turiżmu[41].

Filwaqt li fil-preżent hemm numru żgħir ħafna biss ta' reġimi ta' kumpens f'każ ta' inċidenti offshore fiż-ŻEE, din is-sitwazzjoni għandha tinbidel b'mod sinifikanti bl-implimentazzjoni tal-OSD. Skont l-Artikolu 4(3) tal-OSD, l-Istati Membri huma obbligati li jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ġestjoni fil-pront u adegwata tat-talbiet għall-kumpens, inklużi talbiet transfruntiera, sakemm ir-responsabbiltà hija prevista mil-liġi nazzjonali. Jista' jkun hemm diversi modi biex id-dispożizzjonijiet attwali jittejbu. Dawn jinkludu:

- it-trattament b'mod indipendenti tat-talbiet għal kumpens;

[38] Ara t-Taqsima 4.1. tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.
[39] Ara t-Taqsima 2.3 u 4.2 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.
[40] Ir-regoli li l-qrati jsegwu fid-deċiżjonijiet ta' kawżi ċivili.
[41] Aktar dettalji fit-Taqsima 4.3 tal-SWD dwar ir-Responsabbiltà.

- it-trattament ugwali tat-talbiet għal kumpens transfruntiera;
- ir-raffinar tal-aċċessibilità, taċ-ċarezza u tas-sempliċità tal-proċeduri tat-talbiet għal kumpens;
- responsabbiltà ċara għar-responsabbiltà tal-ġestjoni tat-talbiet għal kumpens;
- obbligi definiti minn qabel dwar it-termini taż-żmien li jimminimizzaw id-dewmien; kif ukoll
- mezzi ta' rimedju f'każ ta' ħsara fis-sistema.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Filwaqt li bħalissa hemm biss żewġ mekkaniżmi ta' kumpens fis-seħħ, speċifikament għal inċidenti taż-żejt u tal-gass fl-Istati Fokali, l-OSD tobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ġestjoni fil-pront u adegwata tat-talbiet għal kumpens. Filwaqt li taħdem flimkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tgħin biex jinkisbu salvagwardji adegwati għal dawk li jitolbu kumpens f'dan ir-rigward. Jekk l-iskemi ta' kumpens nazzjonali l-ġodda ma jirnexxilhomx jistabbilixxu salvagwardji adegwati għall-vittmi ta' inċidenti offshore u jekk ma jirriflettux bis-sħiħ id-drittijiet ta' dawk li jitolbu kumpens transfruntiera skont ir-Regolamenti Brussell I u Ruma II, jista' jkun hemm il-ħtieġa li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid fl-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-OSD jew warajh, dwar jekk u b'liema azzjoni ulterjuri tal-UE jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet.

KONKLUŻJONIJIET ĠENERALI

L-effetti tal-OSD, kif implimentati mill-Istati Membri, se juru fis-snin li ġejjin jekk huwiex xieraq li tiġi ppreżentata ċertu kondotta li twassal għal inċidenti kbar offshore fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi kriminali biex tiġi rinforzata aktar is-sikurezza offshore. Meta jkun xieraq, il-Kummissjoni ser tressaq proposta leġiżlattiva.

It-twessigħ tad-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà permezz tal-leġiżlazzjoni tal-UE ma jidhirx xieraq f'dan l-istadju. F'ċerti każijiet, ir-Regolamenti Brussel I u Ruma II jilqgħu milli d-differenzi fir-reġimi nazzjonali jpoġġu fi żvantaġġ lil atturi minn Stati Membri oħra tal-UE. Barra minn hekk, jista' jkun li xi Stati Membri jkunu qed jivvalutaw mill-ġdid ir-reġimi tar-responsabbiltà eżistenti tagħhom għal inċidenti offshore flimkien ma' bidliet oħra introdotti mill-OSD.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tkun tista' tikkonkludi dwar il-ħtieġa għal aktar passi saż-żmien tal-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-OSD. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tista':

- tkompli tippromwovi kwistjonijiet dwar ir-responsabbiltà permezz ta' diskussjonijiet EUOAG strutturati;
- tiffoka fuq dispożizzjonijiet relatati mar-responsabbiltà fil-kontrolli tal-konformità tal-OSD; kif ukoll
- tuża l-laqgħat tal-EUOAG għal ġbir sistematiku tad-dejta li jkopri l-aspetti kollha marbuta mar-responsabbiltà li jkunu għadhom kemm ġew trasposti fil-liġijiet.

Bħalissa, hemm nuqqas ta' użu ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja biex ikopru bis-sħiħ l-inċidenti offshore aktar skarsi u li jiswew l-iżjed fiż-ŻEE. Barra minn hekk, bħalissa hemm biss żewġ mekkaniżmi ta' kumpens fis-seħħ, speċifikament għal inċidenti taż-żejt u tal-gass fl-Istati fokali. Madankollu, id-dispożizzjonijiet li hemm fl-OSD għandhom iwasslu għal titjib sinifikanti f'dawn iż-żewġ oqsma.

Jekk il-liġijiet nazzjonali l-ġodda ma jtejbux id-disponibbiltà ta' strumenti ta' garanzija finanzjarja u jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ġestjoni fil-pront u adegwata tat-talbiet għall-kumpens, il-Kummissjoni se terġa' teżamina jekk u b'liema azzjoni ulterjuri tal-UE jistgħu jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar l-istrumenti ta' garanzija finanzjarja, ir-responsabbiltà, il-kumpens u l-pieni kriminali, qabelxejn, fil-qafas tal-Grupp Ewropew tal-Awtoritajiet Offshore. Wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva u l-esperjenzi tal-Istati Membri li jaħdmu bil-bażi ġuridika l-ġdida, il-Kummissjoni tista' taġġorna l-valutazzjoni tagħha kif previst f'dan ir-rapport.